REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 954/2009

tat-13 ta' Ottubru 2009

li jemenda għall-114-il darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi finanzjarji oħrajn fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan [1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(1)tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mis-sekwestru ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament. Huwa jinkludi lis-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi u lis-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi, li kienu elenkati fl-2002 [2] u fl-2003 [3] rispettivament.

(2) Kull persuna naturali kkonċernata kkontestat id-deċiżjoni tal-elenkar magħmula fir-rigward tagħha. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet il-kontestazzjonijiet tagħhom [4]. L-appelli fil-konfront tas-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza għadhom pendenti fil-Qorti tal-Ġustizzja [5].

(3) Skont il-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja [6], il-Kumitat tan-NU għas-Sanzjonijiet kontra l-Al Qaida u t-Taliban ipprovda, fir-Rebbiegħa tal-2009, ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu li jelenka lis-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi u lis-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi. Il-Kummissjoni ppublikat avviżi [7] għall-attenzjoni tal-persuni kkonċernati sabiex tinfurmahom li l-Kumitat tan-NU għas-Sanzjonijiet kontra l-Al Qaida u t-Taliban ipprovda r-raġunijiet għall-elenkar, li jkunu komunikati meta mitlubin bl-iskop li jagħtuhom l-opportunità li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar dawn ir-raġunijiet. Ġew mibgħutin komunikazzjonijiet fl-indirizzi li huma inklużi fl-annotazzjonijiet relevanti. Barra minn hekk, bil-komunikazzjonijiet datati 24 ta' Ġunju 2009, ir-raġunijiet għall-elenkar ġew notifikati lil kull waħda mill-persuni kkonċernati, fl-indirizz tal-avukat tagħha, sabiex jingħataw l-opportunità li jikkummentaw u jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar dawn ir-raġunijiet.

(4) Il-Kummissjoni rċiviet kummenti mingħand is-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi u mingħand is-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi u analizzat dawn il-kummenti.

(5) Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi, imfassla mill-Kumitat tan-NU għas-Sanzjonijiet kontra l-Al Qaida u t-Taliban, fil-preżent tinkludi lis-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi u lis-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi.

(6) Wara kunsiderazzjoni dettaljata tal-kummenti li waslu mingħand is-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi f'ittra datata 23 ta' Lulju 2009, u minħabba n-natura preventiva tal-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi, il-Kummissjoni tikkonsidra li l-elenkar tas-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi huwa ġustifikat għal raġunijiet tal-assoċjazzjoni tiegħu man-netwerk ta' Al-Qaida.

(7) Wara kunsiderazzjoni dettaljata tal-kummenti li waslu mingħand is-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi f'ittra datata 16 ta' Lulju 2009, u minħabba n-natura preventiva tal-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi, il-Kummissjoni tikkonsidra li l-elenkar tas-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi huwa ġustifikat għal raġunijiet tal-assoċjazzjoni tiegħu man-netwerk ta' Al-Qaida.

(8) Fid-dawl ta' dan, id-deċiżjonijiet tal-elenkar li jikkonċernaw lis-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi u lis-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi għandhom jiġu sostitwiti mid-deċiżjonijiet il-ġodda li jikkonfermaw l-inklużjoni tagħhom fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002.

---

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.
[2] Ir-Regolament (KE) Nru 881/2002.
[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2003 (ĠU L 303, 21.11.2003, p. 20).
[4] Kawżi T-253/02 u T-49/04, rispettivament.
[5] Kawżi C-403/06 P u C-399/06 P, rispettivament.
[6] Sentenza tat-3 ta' Settembru 2008 fil-Kawżi Konġunti C-402/05 P u C-415/05 P, *Yassin Abdullah Kadi u Fundazzjoni Internazzjonali Al Barakaat v. Il-Kunsill tal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* ir-Rapporti tal-Qorti Ewropea 2008, p. I-6351.
[7] ĠU C 145, 25.6.2009, p. 21 u ĠU C 105, 7.5.2009, p. 31.

(9) Dawn id-deċiżjonijiet ġodda għandhom japplikaw mit-30 ta' Mejju 2002 fir-rigward tas-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi u mill-21 ta' Novembru 2003 fir-rigward tas-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi, u minħabba n-natura preventiva tal-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi taħt ir-Regolament (KE) Nru 881/2002 u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-operaturi ekonomiċi, li qed jistrieħu fuq id-deċiżjonijiet magħmulin fl-2002 u l-2003.

(10) Il-Kumitat tas-Sanzjonijiet emenda d-dejta tal-identifikazzjoni li tirrigwarda s-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayad fis-16 ta' Settembru 2008 u fit-23 ta' Marzu 2009. L-informazzjoni ppubblikata [1] li tikkonċerna s-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi għandha għaldaqstant tiġi aġġornata.

(11) Il-Kumitat tas-Sanzjonijiet emenda d-dejta tal-identifikazzjoni li tikkonċerna lis-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi fil-11 ta' Awwissu 2008, fit-30 ta' Jannar 2009 u fit-13 ta' Frar 2009. L-informazzjoni ppubblikata [2] li tikkonċerna lis-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi għandha tiġi aġġornata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-30 ta' Mejju 2002 fir-rigward tas-Sur Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi u mill-21 ta' Novembru 2003 fir-rigward tas-Sur Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni

Karel KOVANDA

Aġent Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1210/2006 (ĠU L 219, 10.8.2006, p. 14).

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 46/2008 (ĠU L 16, 19.1.2008, p. 11).

ANNESS

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-annotazzjonijiet li jikkonċernaw lil Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi u lil Faraj Faraj Hussein Al-Sa'idi taħt l-intestatura "Persuni Naturali" huma kkonfermati u emendati u għandhom ikunu kif ġej:

(1) Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed **Al-Ayadi** (*magħruf ukoll bħala* (a) Ayadi Chafiq **Bin Muhammad**, (b) Ben Muhammad **Ayadi Chafik**, (c) Ben Muhammad **Aiadi**, (d) Ben Muhammad **Aiady**, (e) Ayadi Shafig **Ben Mohamed**, (f) Ayadi Chafig **Ben Mohamed**, (g) Chafiq **Ayadi**, (h) Chafik **Ayadi**, (i) Ayadi **Chafiq**, (j) Ayadi **Chafik**, (k) Ajadi **Chafik**, (l) Abou **El Baraa**). Indirizz: (a) Helene Meyer Ring 10-1415-80809, Munich, il-Ġermanja; (b) 129 Park Road, Londra NW8, l-Ingilterra; (c) 28 Chaussee de Lille, Mouscron, il-Belġju; (d) 20 Provare Street Sarajevo, il-Bożnja u l-Ħerzegovina(l-aħħar indirizz reġistrat fil-Bożnja); (e) Dublin, l-Irlanda. Data tat-twelid: (a) 21.3.1963 (b) 21.1.1963. Post tat-twelid: Sfax, it-Tuneżija. Ċittadinanza: Tuneżina. Numru tal-passaport: (a) E423362 (passaport Tuneżin maħruġ f'Islamabad fil-15.5.1988, li skada fl-14.5.1993), (b) 0841438 (passaport tal-Bożnja u l-Ħerzegovina maħruġ fit-30.12.1998, li skada fit-30.12.2003), (c) 0898813 (passaport tal-Bożnja u l-Ħerzegovina, maħruġ fit-30.12.1999 f'Sarajevo, il-Bożnja u l-Ħerzegovina), (d) 3449252 (passaport tal-Bożnja u l-Ħerzegovina maħruġ fit-30.5.2001 mill-Uffiċċju Konsolari tal-Bożnja u l-Ħerzegovina f'Londra, li skada fit-30.5.2006). Numru nazzjonali ta' identifikazzjoni: 1292931. Tagħrif ieħor: (a) L-indirizz Belġjan ta' hawn fuq huwa Kaxxa Postali. L-awtoritajiet Belġjani jiddikjaraw li din il-persuna qatt ma rresidiet fil-Belġju; (b) Huwa rappurtat li qed jgħix f'Dublin, l-Irlanda; (c) Isem il-missier huwa Mohamed, u isem l-omm huwa Medina Abid; (d) Assoċjat mal-Fundazzjoni Iżlamika Al-Haramain; (e) Iċ-ċittadinanza tal-Bożnja u l-Ħerzegovina ġiet irtirata f'Lulju 2006 u m'għandu l-ebda dokument ta' identifikazzjoni validu tal-Bożnja u l-Ħerzegovina. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 17.10.2001.

(2) Faraj Faraj Hussein **Al-Sa'idi** (magħruf ukoll bħala (a) Mohamed Abdulla Imad, (b) Muhamad Abdullah Imad, (c) Imad Mouhamed Abdellah, (d) Faraj Farj Hassan **Al Saadi**, (e) Hamza Al Libi, (f) Abdallah Abd al-Rahim). Indirizz: (a) Leicester, ir-Renju Unit (is-sitwazzjoni f'Jannar 2009); (b) Viale Bligny 42, Milan, l-Italja (Imad Mouhamed Abdellah). Data tat-twelid: 28.11.1980. Post tat-twelid: (a) Il-Jamahiriya Għarbija Libjana, (b) Gaża (Mohamed Abdulla Imad), (c) il-Ġordan (Mohamed Abdullah Imad), (d) il-Palestina (Imad Mouhamed Abdellah). Ċittadinanza: Libjana. Tagħrif ieħor: Residenti fir-Renju Unit f'Jannar 2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 12.11.2003.